**16 ta' Lulju, 1990**

**Imħallef: –**

**Onor. Prof. Wallace Ph. Gulia B.A., LL.D., B.Sc., Ph.C., M.A. (Admin) (Manch) D.P.A.(Lond)**

Il-Pulizija

*versus*

Raymond Abela

**Serq ta' Kurrent Elettriku**

*Presunzjoni feroċi kontenuta fl-imsemmi artikolu; il-mezzi qarrieqa jridu jkunu jistgħu jwasslu għal dak l-effett li bihom jista' jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew il-markar. Toqba waħedha mhix biżżejjed.*

Il-Qorti: – Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati.....;

*Omissis;*

...ikkommetta serq ta' kurrent eletrriku fl-ammont ta' Lm9.42,2 u għamel ħsara fil-*meter* tad-dawl fl-ammont ta' Lm2 għad-dannu tal-korporazzjoni EneMalta liema serq hu aggravat bil-mezz, u kkundannat lill-imputat għall-multa ta' **Lm100** u ordnat li jħallas l-ispejjeż tal-perizja nominati f'dan il-każ inklużi dawk fl-atti ta' l-inkjesta;

Rat ir-rikors ta' l-appell mnejn l-aggravju jirriżulta li kien is-segwenti:

Illi l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-provi kollha prodotti f'dan il-każ;

Illi mill-istess provi jidher ċar il-ġenwinità ta' l-istess xhud li dejjem sostna l-innoċenza tiegħu;

Illi fil-fatt l-unika prova li ressqet il-prosekuzzjoni in sostenn ta' l-akkuża kienu xhieda tekniċi li wara kollox setgħu biss jikkonstataw jekk fil-fatt kienx hemm ħsara jew le fil-*meter* tad-dawl;

Illi *in se* din żgur li mhiex prova suffiċjenti;

Illi *in oltre* mix-xiehda ta' Angelo Ellul *Technical Officer* ta' EneMalta, irriżulta biċ-ċar illi l-istallazzjoni tal-fond kien regolari u l-*wires* kienu għaddejin kif suppost;

Illi l-istess xhud igħid ''Ma kien hemm xejn fil-*meter* biex jastokola r-reġistrazzjoni regolari tiegħu.'' B'hekk stante li l-kurrent elettriku ġie kollu rreġistrat huwa inkonċepibbli li wieħed jistabilixxi li fil-fatt sar xi serq ta' l-elettriku;

Ittrattat ir-rikos ta' l-appell;

Ikkunsidrat:

Li f'dan il-każ il-provi jinsabu limitati mill-iktar; fil-fatt għandna l-istqarrija ta' l-akkużat, li tammonta għal ċaħda kategorika illi għamel il-fatti li huwa adebitat bihom, kif ukoll hemm ix-xiehda tan-nies li wasslu għar-rapport, partikolarment Angelo Ellul, *Technical Officer* ta' l-EneMalta u r-rapport tal-perit tekniku s-sur William Cassar Torreggiani appuntat mill-Qorti biex jirraporta dwar il-każ. Il-każ jistrieħ biss fuq il-presunzjoni feroċi tal-liġi dwar l-eżistenza ta' mezzi qarrieqa. Issa dwar il-mezzi qarrieqa hemm bżonn jingħad ċar u tond illi mir-riżultanzi kollha tal-provi jirriżulta biss ħaġa waħda sinistra li hija l-eżistenza ta' toqba fuq id-dahar tal-*bakslite* tal-*meter* illi minnha kien jista' jiddaħħal xi oġġett, biċċa fidiferru, passaperla, labbra jew xi ħaġa simili u li setgħet twaqqaf ir-reġistrazzjoni tal-konsum, iżda ma nstabitx dik il-ħaġa illi kienet tista' tidħol mit-toqba li kien hemm fid-dahar tal-*meter*, u allura dan joħloq il-kwistjoni; din it-toqba weħidha, weħidha twassal biex tammont għall-preżunzjoni legali kontenuta fl-artikolu 264 tal-Kodiċi Kriminali. Għalhekk huwa opportun li tkun eżaminata

sew din il-preżunzjoni l-għaliex la hija preżunzjoni feroċi titlob analiżi sew biex mhux meta jkun hemm xi ħaġa, ngħidu allura għandna l-eżistenza tal-mezzi qarrieqa. Fil-fatt il-kliem testwali tal-liġi huwa dan, fit-tieni inċiż ta' l-artikolu 264;

"Fil-każ ta' ksur ta' kanni tas-servizz pubbliku ta' l-ilma jew tas-servizz tal-gass, jew tal-fili jew gumi fis-servizz pubbliku, il-fatt li jkun hemm mezzi qarrieqa li bihom wieħed jista' jkollu l-użu jew il-konsum illeġittimu ta' dan l-ilma, gass, jew kurrent ta' elettriku, **jew li bihom jista' jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew markar fil-*meter* tal-kwantità meħudha jew kunsmata** jitqies sakemm ma jiġix ippruvat il-kuntrarju, bħala prova illi d-detentur tal-fond jew il-persuna li jkollha f'idejha il-fond fejn ikunu jinsabu l-mezzi qarrieqa, jaf jew taf b'dan l-użu jew konsum ta' ilma, gass jew kurrent ta' elettriku, skond ma jkun il-każ;"

La l-presunzjoni hija daqstant feroċi l-Qorti tifhem li biex tapplikaha, il-mezzi qarrieqa jridu jirriżultaw konklużivament u mhux sempliċiment b'mod illi joħolqu suspett;

Il-Qorti issottolineat il-kliem "jew li bihom jista', jitwaqqaf jew jitbiddel il-kejl jew markar fil-*meter* tal-kwantità meħuda jew ikkunsmata," biex bihom tindika l-forza li toħroġ minn dan il-kliem sottolineat; dan jimplika illi mezzi qarrieqa jridu jkunu jistgħu jwasslu għal dak l-effett li bihom jista' jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew il-markar. Issa t-toqba weħidha, weħidha hija biżżejjed biex twaqqaf jew tbiddel il-kejl jew l-immarkar fil-*meter* tal-kwantità meħuda jew ikkunsmata? Ovvjament il-Qorti ma tistax ma tirraviżax il-fatt illi toqba weħidha mhix biżżejjed, tant huwa hekk li l-espert tekniku, ix-xhud tekniku Angelo Ellul li huwa

*Technical Officer* ta' l-EneMalta fix-xiehda tiegħu a fol. 29 tal-proċess jgħid kategorikament: "ma kienx hemm mezzi qarrieqa li bihom kien qed jinżamm il-konsum, kien hemm biss it-toqba", u la fil-fehma tal-persuna teknika illi tifhem fil-*meters* u fl-affarijiet aċċessorji tagħhom, ma kienx hemm mezzi qarrieqa, din il-Qorti ma tifhimx li għandha ssib il-mezzi qarrieqa hija, kien hemm biss parti minnhom u anqas ma hija l-parti illi fil-fatt għandha l-potenzjalità li twassal għat-twaqqif, irid ikun hemm xi ħaġa oħra li tgħaddi mit-toqba biex twassal għal potenzjalità tat-twaqqif tar-reġistrazzjoni, veru illi flimkien mat-toqba kien hemm xi grif madwarha li jindika illi minn żmien għal żmien, possibilment xi ħaġa bħal passaperla, labbra eċċ. kienet tgħaddi minn din it-toqba però dak jikkreja suspett biss u din il-Qorti qatt ma waslet biex tikkundanna lil xi ħadd sempliċiment fuq suspett. Is-suspett irid jammonta għal prova u la l-presunzjoni legali ma tammontax għal prova, għal presunzjoni li titlob il-liġi, allura l-Qorti jkollha tgħid li ma tistax issib li fil-proċess hawn biżżejjed biex issib lill-akkużat ħati;

Fiċ-ċirkostanzi l-Qorti hija tal-fehma li għandha tħassar is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta ta' l-10 ta' Lulju, 1989, fl-ismijiet il-Pulizija (Spt. Mario Calleja) *vs* Raymond Abela, tilqa' l-appell u tillibera lill-akkużat minn kull imputazzjoni u piena.